DEPARTMENT OF INFORMATION - MALTA

No. 1210 Press Releases

**SPEECH BY THE HON. CHRIS SAID, PARLIAMENTARY SECRETARY FOR CONSUMERS, FAIR COMPETITION, LOCAL COUNCILS AND PUBLIC DIALOGUE, DURING A BREAKFAST SEMINAR ON HEALTH AND SAFETY IMPLICATIONS OF SPRAY PAINT TECHNOLOGY, ORGANISED BY JOHN'S GROUP OF COMPANIES – FLORIANA - 30TH JUNE 2010**

Ladies and gentleman.

Allow me to say a few words in English for the benefit of the foreign guests we have with us today.

First of all welcome to this island of ours. I sincerely hope that you enjoy your time over here and that the setup you have created together with John's Group of Companies will reap the desired dividends both for yourself and for your Maltese partners.

I would like to underline the importance of standards for a small economy like ours - a small economy which has been part of the Euro-Zone for the last 30 months or so, and which unlike most of its counterparts has been doing reasonably well despite the prevailing negative climate out there.

In Malta we are working to promote standards in all areas, but especially to help small and medium enterprises reduce business costs; thrive in new export markets; improve their products, services and company know-how; attract new customers; sharpen their competitive edge; and inspire added trust in their business.

Standards also allow SMEs to draw from peer knowledge. They facilitate compliance with regulations; help SMEs disseminate and promote innovation, whilst making their products compatible; improve product safety; and monitor their risk management. Above all, standards help SMEs become more sustainable and improve their chances of success. All businesses can benefit from standards, from small local companies to global heavyweights.

As the Parliamentary Secretary responsible for both Standards and Consumers, I want to see the standardization system in Malta protect the safety and health of the citizen; inspire confidence; integrate sustainability and ensure accessibility.

In order for this to be possible, we need to keep stressing the fact that standards are not only relevant to large, established businesses; that standards are not only applicable to products, and that everybody has a say in drafting standards. We need to show how finding the most appropriate standard is not an arduous task, and introducing a new standard is not an incredible feat. Above all we need to keep emphasizing that standards do not inhibit innovation but – on the contrary - they trigger it. We need to nurture the idea that standards allow us to enjoy a better quality of life.

I will now switch to our mother tongue.

Il-konsumatur Malti hu protett minn madwar 20,000 standard li ħafna minnhom tfasslu fl-Ewropa u kienu addottati minn pajjiżna. Tnax-il standard iehor tfasslu mill-esperti mqabbda mill-Awtorita' Maltija għall-Istandards. Is-sena li għaddiet il-MSA ħarget standard dwar id-distribuzzjoni tal-ħalib u ieħor dwar ir-remote gaming.

L-aktar standard li jinteressa lilkom hu l-MSA 1400 (elf u erba' mija). Ix-xahar li għadda ippreżentajt dan iċ-ċertifikat lis-Sur George Farrugia bħala rappreżentant ta' John's Auto Care – u dan bħala parti mill-proċess ta' ri-evalwazzjoni li għamlet il-kumapanija. Dan l-istandard dwar it-tiswijiet tal-vetturi jagħmel enfasi kbira fuq it-tmexxija professjonali ta' garaxx bħal ma għandhom John's Garage. Jenfasizza wkoll l-importanza li t-tiswijiet fuq il-vetturi għandhom isiru minn ħaddiema tas-sengħa, kompetenti, li jkunu jafu x'inhuma jagħmlu u jkunu jafu kif jużaw l-għodda u l-apparat meħtieġ. L-istess ħaddiema għandhom ikunu konxji ta' x'inhu mistenni minnhom biex jipproteġu kemm lilhom infushom kif ukoll lil ta' madwarhom. Is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol illum

saru essenzjali fuq kull lant.

L-istandard MSA 1400 (elf u erba' mija) tfassal mill-Awtorita' Maltija għall-Istandards b'kollaborazzjoni mal-Malta Insurance Association u mal-GRTU. Aktar minn 240 (mitejn u erbgħin) garaxx f'pajjiżna kisbu dan iċ-ċertifikat u l-uffiċjali tal-MSA li jagħmlu żjarat regolari fuq il-lant tax-xogħol qed jaraw titjib kostanti u regolari. Dan kollu jurina li għalkemm l-istandards m'huma imposti fuq ħadd, kulħadd qed jinduna li huma essenzjali f'ġieh servizz professjonali u biex il-klienti jinqdew bl-aħjar mod possibbli.

L-istandards huma wkoll importanti f'dak li nsejħu 'de-regulation' – jiġifieri meta l-Gvern ma jibqax joħroġ liġijiet ġodda iżda l-istandards jithejjew u jkunu implimentati bil-kunsens ta dawk involuti. Dan se nkunu qed narawh iseħħ ix-xahar id-dieħel hekk kif l-Awtorita Maltija għall-Istandards se toħroġ gwida teknika fuq l-iġjene għall-bejjiegħa tal-ħut. Din il-gwida, jew standard, tfassal b'konsultazzjoni u bi ftehim mal-bejjiegħa tal-ħut infushom u mad-Dipartiment tas-Sanita'.

L-istandards huma element importanti għall-ħarsien tal-konsumatur. Fi Frar li għadda id-Diviżjoni tal Konsumatur u l-Kompetitivita u l-Awtorita' Maltija għall-Istandards għaddew taħt ir-responsabbilta' tiegħi. Bħalissa qed naħdmu biex f'qasir żmien inwelldu entita' ġdida li xogħlha se jkun li tassigura kompetizzjoni ġusta u li tħares l-interessi u d-drittijiet tal-konsumatur. L-intenzjoni tal Gvern hi li din l-entita tibda tiffunzjona lejn tmiem din is-sena wara perjodu ta' konsultazjoni ma dawk kollha interessati kif wkoll wara li nressqu liġi fil-Parlament.

Il-politika tal-Gvern f'dan il-qasam hija ċara u kienet dikjarata fil-budget għal din is-sena. Jinħtieġ nassiguraw, aktar milli konna nagħmlu sa issa, li l-konsumatur jieħu l-aqwa servizz għal dak li jkun ħallas għalih. Kif forsi smajtu, bħalissa l-Gvern jinsab f'diskussjonijiet mal-importaturi u mal-manifatturi tal-mediċini bl-għan aħħari jkun propju dan - li l-prezzijiet tal-mediċini f'pajjiżna ma jibqgħux għoljin iżda jorħsu u jinżlu f'livelli ġusti u aċċettabbli. Minn dan il-proċess għandhom igawdu kemm il-konsumaturi kif ukoll l-importaturi nfushom.

L-istandards għandhom rwol importanti wkoll fil-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta'. Fil-każ ta' John's Auto Care - il-booths il-ġodda li fihom il-karozzi jingħataw l-ispray, u li kienu installati fil-ġimgħat li għaddew, huma konformi ma' standard Ewropew – l-MSA EN 12215.

Ġejt mgħarraf li l-Awtorita' Maltija għall-Istandards kienet involuta fit-tħejjija ta ' dan l-istandard Ewropew u bħal ma jiġri meta l-Kummissjoni Ewropea tagħti mandat lil CEN u CENELEC biex jippreparaw standards Ewropej, dawn ġew trasposti bħala standards nazzjonali u xi wħud minnhom saħansitra kienu tradotti għall- Malti.

Fil-qasam regolatorju, sabiex jitnaqqsu emissjonijiet ta' solventi organiċi minn sorsi stazzjonarji kummerċjali u industrijali, aktar kmieni din is-sena kien ippubblikat l-Avviż Legali 251 tal-2010 bit-titolu - Limitazzjonijiet ta' 'Emissjonijiet ta ' Komposti Organiċi Volatili'. Dan l-avviż legali li emenda l-Avviż Legali preċedenti - 78 tal-2006 – jindirizza żebgħa, lostri u prodotti li jillostraw vetturi u jintroduċi sanzjonijiet għal dawk li jqegħdu fis-suq prodotti li m'humiex konformi mar-regolamenti .

Minħabba l-karatteristiċi tagħhom, l-użu ta' solventi VOC f'ċerti stallazzjonijiet jagħtu lok għal emissjonijiet ta' komposti organiċi li jikkontribwixxu ħafna għall-bidla fil-klima u jikkawżaw ħsara lir-riżorsi naturali u lill-bniedem. L-Awtorità Maltija għall-Istandards u l-MEPA diġà bdew jissorveljaw is-suq biex jassiguraw li qed jintużaw prodotti li huma konformi mar-regolamenti biss.

Fl-aħħarnett, nagħlaq billi nifraħ lil John's Auto Care għall-investiment ġdid li għamlu, għall-avveniment tal-lum, kif ukoll għall-intrapriża l-ġdida tagħhom.

**DOI - 30.06.2010**

16.31 Kbytes Last Modified on 30th June, 2010

HOME | GOV.MT HELP | LINKS | SITEMAP | SEARCH

Copyright 2000-2010, Department of Information - Government of Malta